**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 25 ta' Gunju 2020;**

**<u>Rikors nru: 61/2020 AGV :</u>**

**AB**

**Vs**

**CDEFG sive H**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB** datat 14 ta' Frar 2020, fejn ppermettiet u talbet is-segwenti;

1. Illi l-partijiet zzewwgu fil- 15 ta' Settembru 2008 u dan kif jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg anness u mmarkat Dok. A;
2. Illi minn daz-zwieg ma kellhomx tfal;
3. Illi l-partijiet ilhom separati kuntrattwalment permezz ta' kuntratt fl-atti tan-nutar Dr. Thomas Vella tal- 10 ta' Novembru 2017 hawn anness u mmarkat Dok. B;

4. Illi fl-istess kuntratt , fil-paragrafu enumerat 2, il-partijiet iddikajaraw illi ilhom de facto seperati sa minn Jannar 2016.
5. Illi kif jirrizulta mil-istess kuntratt il-partijiet ma ghandhomx pendenzi ma' xulxin;
6. Illi ma hemm l-ebda prospett regenevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom stante illi ilhom snin twal mifrudin u illum ghandhom hajja totalalment separata minn xulxin.
7. Illi dal-fatti hawn fuq imsemmija jissodisfaw il-kundizzjinijiet mehtiega ghall-ksib tad-divorzju skont l-artikolu 66 B tal-Kapitolu 16 tal-ligijiet ta' Malta, u fic-cirkostanzi mhux mehtieg li ssir medjazzjoni bejniethom;
8. Ghaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina Onorabbli Qorti illi a tenur tad-disposizzjoniniet tal-artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-ligijiet ta' Malta, joghgobha prevja s-smiegh tal-partijiet kif mahsub fl-artikolu 66 C tal-artikolu tal-Kapitlu 16 tal-ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezistu dawk il-kundizzjoinijet mahsuba fl-imsemmi artikolu 66 B tal-ligijiet ta' Malta;
    a. Tipprunonzja id-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi artikolu 66 C tal-Kap. 16 tal-ligjiet ta' Malta;
    b. Tordna lir-Registratur tal-Qorti, sabiex f' terminu ffissat minn dina l-Onorabbli Qorti, javza lid-direttur tar-registru pubbliku bid-divorzju tal-partijiet, biex dan ikun registrat fir-registru pubbliku ai termini tal-artikolu 66 A tal-Kpaitolu 16 A tal-ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kontra l-intimat li jibqa' ingunt ghas-subizzjoni.

Il-Qorti rat li fis-seduta tal-Hamis 25 ta' Gunju 2020 deher il-konvenut li mhux qed joggezzjona ghat-talbiet tal-attrici.

**DECIDE;**

Il-Qorti, tilqa’ t-talbiet u tippronunzja l-hall taz-zwieg bejn il-partijiet. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex fi zmien ghaxart ijiem javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet, biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.

Spejjez jibqghu bla taxxa.

Terminu tal-appell abbrevjat ghal gurnata.

**Onor. Anthony G. Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**